- ***OVERDRAFT FACILITY –***
- ***INTERESSI DOVUTI FUQ BANKING PRACTICE –***
- ***KOMUNJONI TAL-AKKWISTI; ART. 1333;1322 (2) KAP 16 –***
- ***NOTA TA' RIDUZZJONI –***
- ***RINUNZJA TAL-ATTI MHUX RITIRABBLI -***
- ***ART. 180(1) (2); 181A; 906; 907; 908; 963 (6) TAL-KAP 12 -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Novembru, 2001**

**Kawza Numru: 22**
**Citazzjoni Numru: 3227/96/RCP**

**Mid- Med Bank Limited u b'nota tat-2 ta' Frar 1998, gie indikat li l-isem tas-socjeta' tbiddel ghall Mid-Mid Bank p.l.c. u b'nota ulterjuri tat-12 t'Ottubru 1999 is-socjeta' giet jisimha HSBC Bank Malta plc u b'digriet tas-26 ta' Gunju 2001 il-Qorti ordnat li l-okkju tal-kawza jigi sostitwit ghall-HSBC Bank (Malta) Limited.**

**vs**

**Teg Industries Limited u Thomas u Catherine Busuttil *in solidum* mal-istess socjeta' bhala garanti.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi permezz ta' kuntratt pubblikat fil-25 ta' Awissu 1990 in atti Nutar Peter Carbonaro - Dok. "A" anness – s-socjeta' konvenuta nnghatat *overdraft facilities* bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija u l-konvenuti personalment assumew l-obbligi naxxenti mill-kuntratt solidalment mas-socjeta' – *guarantee form* tal-25 ta' Awissu 1990 – annessa u mmarkata bhala Dok. "B".

Illi l-ammont illum dovut hu ta' disa' u hamsin, tlett mija u tlieta u sittin elf lira Maltija u seba' u erbghin centezmu (Lm59,363.47.0) flimkien mal-imghax tat-tmienja (8) fil-mija 8% fis-sena dekorribbli mit-22 ta' Settembru 1996.

Illi l-konvenuti baqghu inadempjenti nonostante zewg ittri ufficcjali tal-20 ta' Gunju 1996 – Dok. "C" anness – u tas-6 ta' Mejju 1996 – Dok. "D" anness.

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghaliex m'ghandhiex :-

(1) Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u hamsin, tlett mija u tlieta u sittin elf lira Maltija u seba' u erbghin centezmu (Lm59,363.47.0) oltre imghax tat-tmienja (8) fil-mija 8% fis-sena dekorribbli mit-22 ta' Settembru 1996 dovuti minnhom fuq *overdraft facility* lilhom koncessa kif fuq intqal.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficcjali tal-20 ta' Gunju 1996 u tas-6 ta' Mejju 1996, bl-imghaxijiet legali ulterjuri, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti a fol 4 sa 17 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-10 ta' Lulju,1997; tat-30 ta' Ottubru,1997; u tal-4 ta' Frar,1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol.33 tal-process fejn eccepew:-

(1) Illi preliminarjament, in kwantu jikkoncerna l-konvenuta Catherine Busuttil, din ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'ghandha l-ebda rapport legali mas-socjeta' attrici billi, kuntrarjament ghal dak allegat fic-citazzjoni odjerna, hija ma tat l-ebda garanzija lill-Bank in konnessjoni mal-facilitajiet bankarji illi kienu

gew moghtija a favur tas-socjeta' konvenuta Teg Industries Limited.

(2) Fil-meritu u minghajr pregudizzju ghal premess, jidher illi t-talba tas-socjeta' attrici hija eccessiva specjalment ghaliex gew kalkolati imghaxijiet komposti meta dawn kellhom ikunu semplici. It-talba attrici tikkomprendi imghax fuq imghaxijiet maghluqa ghal zmien ta' anqas minn sena u dan kuntrarjament ghad-dispost tal-artikolu 1850 tal-Kodici Civili illum huwa ta' natura ta' ordni pubbliku, u ghaldaqstant wara illi ssir il-komputazzjoni korretta sa mill-bidu nett tal-facilitajiet bankarji koncernati, l-istess talba attrici ghandha tigi mnaqqsa skond il-kaz.

(3) Illi f'kull kaz u minghajr l-ebda pregudizzju ghal premess, s-socjeta' attrici ghandha tipproduci prospett dettaljat in sostenn tal-allegat bilanc ta' Lm59,363.47 kif minnha mitlub fic-citazzjoni.

(4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol.34 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tat-13 ta' Mejju,1998 u tat-18 ta' Jannar,1999.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici a fol.43 tal-process li permezz taghha rriduciet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Rat il-verbali tas-seduti tas-6 ta' Dicembru, 1999 u tas-26 ta' Jannar, 2000.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha pprezenta l-affidavit tal-P.L. Nicholas Briffa flimkien ma' diversi dokumenti.

Rat il-verbali tas-seduti tas-7 ta' April, 2000; tal-31 ta' Mejju, 2000; tal-31 ta' Ottubru,2000 fejn Dr. Ramon Rossignaud ghas-socjeta' attrici talab li permezz ta' nota jipprezenta *statement* li jirrifletti l-posizzjoni prezenti dwar il-kreditu mertu ta' dan il-kaz u dan partikolarment in vista tal-fatt li fl-atti jidher li giet prezentata nota ta' riduzzjoni liema ammont pero' jirrizulta li kien gie kreditat ghall-kont iehor tal-konvenut izda mhux dak mertu ta' din il-kawza. Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-konvenuta opponiet ghal din it-talba in kwantu din in-nota ta' riduzzjoni ggib l-estinzjoni tal-azzjoni riferibilment ghall-ammont li gie mnaqqas. Dr.Suzanne Shaw qablet mas-sottomissjonijiet ta' Dr.Lorraine Schembri Orland;

Rat in-nota ta' HSBC Bank Malta plc tad-9 ta' Jannar 2001.

Rat il-verbali tas-seduti tal-10 ta' Jannar 2001 fejn Dr. Ramon Rossignaud tratta l-punt dwar in-nota ta' riduzzjoni u ddikjara li f'dak l-istadju m'ghandux aktar provi lanqas dwar il-mertu; tat-13 ta' Marzu,2001; tat-30 ta' Mejju,2001; tas-26 ta' Gunju,2001 fejn Dr.Kevin Dingli ghall-konvenut Busuttil prezenti u Dr.R. Rossignaud ghas-socjeta' attrici ddikjaraw li m'ghandhomx kontro-ezami x'jaghmlu. Il-

konvenuta u d-difensur taghha msejhin diversi drabi ma dehrux. Il-Qorti in vista tan-nota tat-12 ta' Ottubru,1999 ordnat li l-isem tas-socjeta' attrici jigi sostwit bil-kliem HSBC Bank Malta plc fl-okkju tal-kawza u kull fejn jirrikorri. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru, 2001.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

**<u>II. MERTU TAL-VERTENZA ODJERNA</u>**

Illi kif spjegat is-socjeta' attrici fic-citazzjoni, is-socjeta' konvenuta nnghatat *overdraft facilities* bil-kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt ippubblikat fil-25 ta' Awissu,1990 fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro; u l-konvenuti personalment assumew l-obbligi naxxenti mill-kuntratt solidalment mas-socjeta' konvenuta. Illi l-kawza giet pprezentata peress li l-ammont imsemmi fic-citazzjoni hu dovut flimkien mal-imghax tat-8% fis-sena u l-konvenuti baqghu inadempjenti nonostante zewg ittri ufficcjali.

Illi min-naha taghhom il-konvenuti eccepew illi Catherine Busuttil ma kellha l-ebda rapport legali mas-socjeta' attrici billi hi ma tat l-ebda garanzija lill-Bank in konnessjoni mal-facilitajiet bankarji mertu tal-kawza odjerna u b'hekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Inoltre' qed isostnu illi t-talba hi eccessiva stante li gew kalkolati imghaxijiet komposti meta dawn kellhom ikunu semplici; u li kuntrarjament ghall-**Artikolu 1850 tal-Kodici Civili** t-talba

attrici tikkomprendi imghax fuq l-imghaxijiet maghluqa ghal zmien ta' anqas minn sena.

Illi fit-23 ta' Marzu,1999 il-Bank attur ipprezenta nota ta' riduzzjoni stante li nbieghet proprjeta' immobbli b'subbasta proprjeta' tas-socjeta' konvenuta fuq talba tal-istess Bank, liema proprjeta' nxtrat *animo compensandi* mill-Bank, u liema somma giet approprjata mill-Bank attur akkont tad-debitu dovut lilu mis-socjeta' konvenuta.

Illi sussegwentement il-Bank ipprezenta nota fid-9 ta' Jannar, 2001 wara li saret talba verbali seduta stante fil-31 ta' Ottubru, 2000 sabiex in-nota ta' riduzzjoni tigi rtirata. In effetti, il-Bank isostni li fl-24 ta' Marzu,1998 minflok ma kkredita l-ammont ta' Lm45,000 fil-kont dovut mis-socjeta' konvenuta fil-fatt gie kreditat fil-kont dovut mill-konvenuti personalment, liema kont ma huwiex mertu tal-kawza odjerna, u ghalhekk l-istess nota ta' riduzzjoni saret bi svista u erronjament.

Illi d-difensuri tal-konvenuti opponew ghal tali talba peress li sostnew li tali nota ta' riduzzjoni gabet l-estinzjoni tal-azzjoni riferibilment ghall-ammont li gie mnaqqas u ridott.

Illi ghalhekk huwa opportun illi din il-Qorti tidhol fil-kwistjoni jekk tali nota ta' riduzzjoni wara li giet ipprezentata fl-atti processwali tistax tigi eventwalment irtirata minhabba li kien sar zball.

## III. PROVI.

Illi fl-affidavit tieghu l-**P.L. Nicholas Briffa** qal illi in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro tal-25 ta' Awwissu 1990 (Dok.A), is-socjeta' konvenuta flimkien ma' Thomas Busuttil ikkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri ghaf-favur il-Bank attur fis-somma LM34,551, oltre' imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mill-25 ta' Awissu 1990 sad-data tal-pagament effettiv, liema kuntratt gie rez ezekuttiv permezz ta' zewg ittri ufficcjali datati 6 ta' Mejju 1996 (Dok. "B" u "C").

Illi huwa kompla li in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler tat-8 ta' Lulju 1992 (Dok."D"), Thomas Busuttil f'ismu proprju kkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur ghaf-favur il-Bank attur fis-somma ta' Lm51,279, liema kuntratt gie rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficcjali datata 4 ta' Marzu 1996 (Dok.E)

Illi in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro tal-25 ta' Awwissu 1990 (Dok.F), il-Bank attur ta facilitajiet bankarji ta' "*overdraft*" ghall-ammont ta' Lm100,000 lis-socjeta' konvenuta bhala debitur principali u lil Thomas Busuttil bhala garanti ta' l-istess socjeta'. Illi min-naha taghhom il-konvenuti ghalkemm interpellati sabiex ihallsu diversi drabi baqghu inadempjenti (Dok. "G").

Illi x-xhud kompla li in ezekuzzjoni tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-8 ta' Lulju 1992, fl-10 ta' Settembru 1996 il-Bank attur ipprezenta rikors promotorju

(Dok. “H”) sabiex jinbdew proceduri bis-subbasta ta' proprjetajiet immobbli appartenenti lill-konvenuti Thomas u Catherine Busuttil sabiex jigi sodisfatt il-kreditu msemmi fil-kuntratt. Fit-3 ta' Ottubru, 1997 il-Bank attur akkwista *“animo compensandi”* bil-prezz ta’ Lm45,000 il-fondi numru 35 u 37, Psaila Street, Birkirkara (Dok.I). Illi fis-7 ta’ Lulju,1998 il-Bank akkwista *“animo compensandi”* d-dar jisimha “Thomas House”, Ganu Street, Birkirkara, bil-prezz ta’ Lm17,000, u l-*istore* jismu “Richard Store”, Ganu Street, Birkirkara, bil-prezz ta’ Lm13,000 (Dok. “J”), kollox bil-prezz kumplessiv ta’ Lm30,000.

Illi huwa qal illi l-imsemmija somom ta’ Lm45,000 u Lm30,000 gew approprjati in sodisfazzjon parzjali tal-kreditu naxxenti mill-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu fuq imsemmi, dak tat-8 ta’ Lulju,1992 fejn il-konvenut Thomas Busuttil huwa debitur personalment. Kwindi d-debitu msemmi fic-citazzjoni attrici jirreferi ghall-ammont dovut mis-socjeta’ konvenuta bhala debitur principali u mhux mill-konvenut Thomas Busuttil personalment izda biss bhala garanti, ghadu dovut fl-intier tieghu li ma sar l-ebda pagament in sodisfazzjon tal-imsemmi debitu.

Illi fl-affidavit tieghu **Thomas Busuttil** qal illi martu qatt ma kienet parti fil-kuntratt tal-25 ta’ Awissu, 1990 kif ukoll ma ffirmat l-ebda forma ta’ garanzija ohra a favur tal-bank attur fir-rigward tal-meritu tal-kawza.

Illi ghar-rigward tal-ammont mitlub fic-citazzjoni qal illi l-bank ma tahx rendikont dettaljat u soddisfacenti li

jiddistingwi kapital u imghax. Illi ghalkemm talab li jigi prodott tali prospett dan baqa' ma nghatax. Huwa qal illi ma kienx qed jaccetta l-bilanc indikat mill-bank fin-nota ta' riduzzjoni. Inoltre' ghadu qed jistenna sodisfazzjon minghand il-bank fir-rigward ta' kif u fejn gew akkreditati d-diversi rikavati illi l-istess bank ippercepixxa mill-bejgh tal-proprjeta' tieghu, u l-polza ta' l-assikurazzjoni fuq il-hajja mahruga minn *insurance* Kanadiza. Hu qal li kien miftiehem ukoll mal-bank, wara illi l-istess bank kien akkwista *"animo compensandi"* bil-prezz ta' Lm45,000, illi f'kaz li seta' jidentifika xerrej bi prezz superjuri, hu kellu jigi akkreditat bid-differenza fil-valur percepit mill-bank. Hu kien sab lis-socjeta' *TBS Services Limited* illi kienet akkwistat l-istess fond bil-prezz ta' LM61,000 u b'hekk kien hemm differenza ta' Lm16,000 illi l-bank kellu jakkredita a favur tieghu.

Illi l-konvenuta **Catherine Busuttil** min-naha taghha permezz ta' nota aderiet mal-kontenut tal-affidavit ta' Thomas Busuttil filwaqt li rriservat il-jedd li zzid wara l-kontro-ezami tax-xhieda attrici. Pero' l-ebda provi ma tressqu aktar min-naha taghha.

Illi mill-provi orali kif ukoll dawk dokumentali rrizulta li ma sarx hlas min-naha tal-konvenuti fuq l-*overdraft facility* koncess lilhom mis-socjeta' attrici almenu ghall-ammont indikat fic-citazzjoni attrici. Illi pero' din il-Qorti ghandha quddiemha diversi kunsiderazzjonijiet li jridu jigu ezaminati qabel ma tghaddi ghall-konkluzjonijiet taghha dwar l-ammont mitlub.

## IV. L-EWWEL ECCEZZJONI

Illi l-konvenuti preliminarjament eccepew illi l-konvenuta Catherine Busuttil ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi m'ghandha l-ebda rapport legali mas-socjeta' attrici billi hija ma tat l-ebda garanzija lill-Bank in konnessjoni mal-facilitajiet bankarji illi kienu gew moghtija a favur tas-socjeta' konvenuta Teg Industries Limited.

Illi huwa minnu li l-konvenuta ma tat l-ebda garanzija lill-Bank in konnessjoni mal-facilitajiet mertu tal-kawza odjerna. Illi pero' hawnhekk jrid jittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li dawn it-transazzjonijiet saru fl-1990, cioe' qabel ma kienu gew introdotti l-emendi dwar il-ligi tal-familja.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"Bank of Valletta p.l.c. vs George Fava"** (P.A. (RCP) 13 ta' Jannar 2000) inghad li tali eccezzjoni tal-konvenuta ma ghandha ebda fondament legali stante li:-

*"l-kuntratti relattivi mal-Bank saru qabel l-emendi li saru bil-ligi bl-**Att XXI tan-1993,** u ghalhekk kienu japplikaw l-**Artikoli 1318 u 1325 tal-Kap 16,** fejn ir-ragel kellu l-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u d-dejn tieghu kien ukoll a karigu tal-istess komunjoni; u illum skond l-**Artikolu 1333 tal-Kap 16, bl-istess emendi fuq citati** ghall-atti ta' amministrazzjoni straordinarja ghandhom jigu mharrka il-mizzewgin flimkien, anke ghaliex dan huwa dejn tal-komunjoni. Illi ghalhekk l-istess eccezzjonijiet tal-*

*konvenuta ma ghandhom ebda fondament legali u fattwali u qed jigu ukoll michuda".*

Illi ghalhekk dan l-insenjament japplika ukoll ghal din l-eccezzjoni identika fil-kawza odjerna stante li fiz-zmien li sar il-kuntratt mertu tal-kawza odjerna, inkluz il-garanzija relattiva, r-ragel kien l-amministratur tal-komunjoni tal-akkwisti u ma kienx hemm il-bzonn li l-mara tiffirma kwalunkwe kuntratt jew ftehim li zewgha jkun ghamel. Konsegwentement il-konvenut Thomas Busuttil aggrava lill-komunjoni tal-akkwisti b'tali garanzija.

Illi pero', xorta jibqa' l-fatt li c-citazzjoni odjerna giet prezentata fit-13 ta' Novembru,1996 meta l-ligi dwar il-familja kienet diga' *in vigore.* L-emendi imsemmija fil-fatt gew introdotti fl-1993 permezz ta' **Att Numru XXI ta' l-1993**. Illi in effetti l-**Artikolu 1322 (2) tal-Kodici Civili**, **Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid hekk :-

*"Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wiehed iharrek u jitharrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liz-zewg mizzewgin flimkien".*

Illi allura isegwi li s-socjeta' attrici kellha bilfors taddota l-procedura rikjesta mill-ligi b'tali mod li tharrek lill-istess Catherine Busuttil bhala konvenuta. Ghalhekk tali l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi michuda.

## V. IT-TIENI ECCEZZJONI

Illi l-konvenuti eccepew ukoll illi t-talba tas-socjeta' attrici *"hija eccessiva specjalment ghaliex gew kalkolati imghaxijiet komposti meta dawn kellhom ikunu semplici. It-talba attrici tikkomprendi imghax fuq l-imghaxijiet maghluqa ghal zmien ta' anqas minn sena u dan kuntrarjament ghad-dispost tal-Artikolu 1850 tal-Kodici Civili illi hu ta' natura ta' ordni pubbliku, u ghaldaqstant wara illi ssir il-komputazzjoni korretta sa mill-bidu nett tal-facilitajiet bankarji koncernati, l-istess talba attrici ghandha tigi mnaqqsa skond il-kaz."*

Illi fis-sentenza **"Bank of Valletta p.l.c. vs F.F. Holdings Limited et"** (P.A. (RCP) deciza fil-25 ta' Jannar,2001- Cit. Nru.27/2000/RCP) inghad:-

(1) Illi l-obbligazzjoni *"de quo"* ta' *"overdraft facilities"* hija obbligazzjoni ta' natura kummercjali, u ghalhekk hija regolata skond l-**Artikolu 3 tal-Kap 17**, u ghalhekk regolata mill-Kodici Kummercjali, u fin-nuqqas ta' disposizzjonijiet *"ad hoc"* mill-uzu kummercjali, u fin-nuqqas ta' dan l-uzu, tapplika il-ligi Civili.

(2) Illi ghalhekk, **l-Artikolu 1142 tal-Kap 16** japplika biss jekk fil-**Kap 17** ma hemmx disposizzjoni *"ad hoc*" dwar l-istess imghax, u jekk m'hemmx uzu kummercjali li jirregola il-materja, stante li l-**Artikolu 3 tal-Kap 17** jistabbilixxi mhux biss l-emanazzjoni tal-Ligi Kummercjali, imma ukoll l-ordni li trid tigi segwita, cioe', l-ewwel il-Kodici Kummercjali, imbaghad l-uzu kummercjali, u biss fin-nuqqas, il-Kodici

Civili.(**"Dennis Degiorgio nomine vs Nobbli Guido Sant Fournier nomine" -** K. 1 ta' Ottubru 1980**.)**

(3) Illi stabbilit dan, jirrizulta li dan il-punt ma huwiex trattat fil-Kodici Kummercjali, u ghalhekk wiehed irid jindaga jekk jezistix uzu kummercjali f'dan ir-rigward; u fil-fatt skond is-sentenzi nostrani ma hemmx dubju li tali uzu kummercjali jirrizulta sancit, stabbilit, rikonoxxut u segwit, tant li fil-kawza **"Dr. Joseph Agius M.D. nomine vs Dr. Carmel Agius et nomine"** (P.A. (G.S.) 20 ta' Marzu 1979) l-istess Qorti sostniet illi:-

*"Fil-gurisprudenza lokali din is-sistema ta' komputazzjoni (li l-imghaxijiet jigu mizjuda mal-kapital, fuq il-bilanc ta' kuljum, kull sitt xhur, u b'hekk l-imghaxijiet isiru jifformaw parti mill-kapital) giet accettata bhala li hi permessa u skond l-uzu, u b'hekk hija legali u hu utili li ssir riferenza ghas-sentenzi riportati fil-***Vol. XXVII.i.826; XXX.iii.483** *u ghas-sentenza deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar 1979, fl-ismijiet* **"Cecil Busuttil vs Spiteri Debarro".**

Infatti fis-sentenza appena citata intqal li:-

*"Din is-sistema ta' komputazzjoni tal-imghaxijiet f'konti kurrenti (overdrafts) hi legali kif hafna drabi gie deciz mill-Qrati Taghna (*Ara. Koll. Decizjonijiet **XVIII.iii.53; XXVII.i.826; XXVIII.iii.910; XXX.iii.840)"** (ukoll **"John Scicluna vs Dr. Michele Tufigno et nomine"**- K. 25 ta' April 1940 - **XXX. 480).**

Ineffetti a bazi tad-decizjoni "**Konkors tal-Kredituri numru 1/1984 ta' Anthony Debono nomine"** (A.K. 29 ta' April 1993.) inghad illi ***"*** *skond il-gurisprudenza l-imghaxijiet li joriginaw minn kont kurrent, la darba jigu kapitalizzati skond kif trid il-ligi, dawn jitilfu in-natura taghhom ta' imghax u jikkostitwixxu kapital iehor gdid - kif hemm fis-sentenza tal-Qorti Civili Prim'Awla tat-30 ta' April 1947, fl-ismijiet* ***"Edwin Vassallo nomine vs Salvatore Ballucci"*** *(XXXIII.ii.64.)".*

Illi dawn is-sentenzi gew segwiti mis-sentenzi aktar ricenti tal-Qrati Taghna, bhal **"Dr. Grazio Mercieca nomine vs Joseph Cassar nomine et"** (M. 6 ta' Ottubru 1994); **"Dennis Degiorgio nomine vs Nobbli Guido Sant Fournier"** (J.A. 1 ta' Ottubru 1980.); **"Paul Azzopardi nomine vs Guido Falzon et".** (A.K. 20 ta' Lulju 1994.) u "**Joseph Mary Farrugia vs Gontram Borg"**. (A.K. 12 ta' Frar 1988).

(4) Illi f'din l-ahhar sentenza intqal pero` li jekk il-bank iwaqqaf tali *overdraft facilities*, skond it-termini tal-kuntratt tieghu, u jaghmel ***"call in",*** u ma jhalliex lill-istess debitur jaghmel izjed uzu minn tali facilitajiet, l-istess bank ma ghandu ebda dritt li jaddebita lill-klijent (attur) bl-imghaxijiet komposti skond il-prattika bankarja, u dan a bazi tas-sentenzi gia citati "**Cecil Busuttil vs Alfred Spiteri Debarro"** u **"Dr. Joseph Agius M.D. vs Dr. Carmel Agius et"** u **"Paul Azzopardi vs Guido Falzon et"** (A.K. 20 ta' Lulju 1994.) ghaliex mal-kjuzura jew gheluq tal-kont

kurrenti (*overdraft*) l-imghax ghandu jigi ikkalkolat bis-sistema normali stabbilita fil-Kodici Civili.

Illi fil-fatt dan huwa konsistenti ma dak li inghad fis-sentenzi ta' din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **"Bank of Valletta p.l.c. vs George Fava"** (R.C.P. 13 ta' Jannar 2000) - fejn tirrizulta l-gurisprudenza nostrali estensiva citata li fil-maggior parti taghha huma konsistenti f'dak li jirrigwarda l-istess kuncett u l-principju li jirregolaw l-istess materja - u fis-sentenza **"Bank of Valletta p.l.c. vs Alfred Dalli"** (P.A. (RCP) 28 ta' Ottubru 1999).

Illi mill-provi prodotti xejn ma jindika li s-socjeta' attrici ma segwietx il-principji fuq stabbiliti, u inoltre' l-konvenuti naqsu li jippruvaw tali eccezzjoni stante li jidher li l-**artikolu 1850** bl-ebda mod ma gie mittiefes stante li fil-limiti fuq indikati u ghall-kaz ta' *overdraft facilities* jezistu l-principji fuq elenkati u b'hekk din l-eccezzjoni ukoll ghandha tigi rigettata.

## VI. N-NOTA TA' RIDUZZJONI TAS-SOCJETA' ATTRICI.

Illi fit-23 ta' Marzu 1999 il-Bank attur ipprezenta nota ta' riduzzjoni fejn irriduca t-talba dedotta fic-citazzjoni attrici peress li nbieghet proprjeta' immobbli b'subbasta fuq talba tal-istess Bank, liema proprjeta' nxtrat *animo compensandi* mill-Bank bil-prezz ta' Lm45,000, u giet indikata mill-Bank attur akkont tad-debitu dovut lilu mis-socjeta' konvenuta.

Illi fil-31 ta' Ottubru 2000 Dr. Ramon Rossignaud ghas-socjeta' attrici talab li permezz ta' nota jipprezenta *statement* li jirrifletti l-posizzjoni prezenti dwar il-kreditu mertu tal-kaz odjern u dan in vista tal-fatt li fl-atti jidher li giet ipprezentata nota ta' riduzzjoni, liema ammont pero' qed jikkontendi li kien gie kreditat ghall-kont iehor tal-konvenut izda mhux dak mertu ta' din il-kawza.

Illi fid-9 ta' Jannar, 2001 il-Bank attur ipprezenta nota fejn spjega dak li allegatament gara. Intqal illi fl-24 ta' Marzu, 1998 il-Bank minflok ma kkredita l-imsemmija somma ta' Lm45,000 fil-kont rapprezentanti l-kreditu ezekutat dovut mill-konvenuti Thomas u Catherine Busuttil personalment huwa kkredita l-imsemmija somma akkont tal-kreditu dovut mis-socjeta' konvenuta Teg Industries Limited mertu tal-kawza fuq il-kont bankarju numru 16 266 8390 f'isem l-imsemmija socjeta' konvenuta.

Illi kif jirrizulta minn *memo* intern tal-5 ta' April, 2000 (Dok. "L" a fol.130 tal-process), is-socjeta' attrici rrealizzat illi l-imsemmija somma ta' Lm45,000 kellha fil-fatt tigi kkreditata fil-kont tal-kreditu ezekutat dovut mill-konvenuti Thomas u Catherine Busuttil personalment u mhux fil-kont dovut mis-socjeta' konvenuta Teg Industries Limited, liema kreditu jirrapprezenta l-mertu tac-citazzjoni odjerna, u ghalhekk fil-5 ta' April, 2000 huwa rriversja l-entrata tal-24 ta' Marzu,1998 u kkredita l-imsemmija somma akkont tal-kreditu dovut mill-konvenuti konjugi Busuttil personalment. Illi b'hekk l-ammont imsemmi fic-citazzjoni attrici ghadu skond l-istess citazzjoni attrici dovut fl-intier tieghu.

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici qed tikkontendi li konsegwentement tali nota ta' riduzzjoni giet erronjament prezentata u m'ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni u ghandha tigi sfilzata.

Illi l-punt li ghandu jigi trattat f'dan l-istadju huwa li ladarba n-nota ta' riduzzjoni giet ipprezentata fl-atti tistax din sussegwentement tigi rtirata minhabba li s-socejta' attrici qed isostni li din giet prezentata bi zball fl-addebitament tal-ammont fuq imsemmi. Illi l-avukati difensuri tal-konvenuti opponew tali talba peress li sostnew li tali nota gabet l-estinzjoni tal-azzjoni riferibilment ghall-ammont li gie mnaqqas.

Illi skond l-**artikolu 180 (2) tal-Kap 12** jinghad li:-

*"Izda ebda skrittura li jkun fiha rinunzja ghall-atti, jew ammissjoni tat-talba, jew il-kunsens ghal zbank ta' depositu, ma tista' tigi prezentata hlief:-*

*(a) mill-persuni imsemmijin fil-paragarfu (a) u (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jew*

*(b) minn prokuratur awtorizzat b'mod specjali ghal daqshekk,*

*(c) mill-avukat, meta l-prezentata ta' dawn l-iskritturi ssir waqt il-kawza".*

Illi l-**artikolu 906 tal-Kap 12** jipprovdi wkoll li:-

*"(1) Kull wahda mill-partijiet tista', b'nota ffirmata minnha jew mill-avukat taghha, f'kull waqt tal-kawza sas-sentenza definitiva, tirrinunzja ghall-atti illi hija tkun ipprezentat".*
Illi l-**artikolu 907** jipprovdi li *"ir-rinunzja ggib l-istess effetti ta' dezerzjoni"* u dan huwa skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 963 (6) tal-Kap 12** li fil-kawzi *"qorti tal-ewwel grad il-procediment jispicca izda ma jispiccax il-jedd ta' azzjoni".*

Illi fl-ahharnett l-**artikolu 908** jipprovdi li:-

*"Meta r-rinunzja ma tkunx bla kondizzjoni, il-parti l-ohra tista' ma taccettahiex u tista' titlob li l-kawza tigi mismugha u deciza".*

Illi harsa lejn in-nota ta' riduzzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici jidher li din giet iffirmata mill-avukat tas-socjeta' attrici u minn persuna inkarigata specifikatament ghall-prezentata tal-istess atti *ai termini* tal-**artikolu 180 (1) (a) u 181A tal-Kap 12,** u allura jidher li giet ipprezentata validament.

Illi fl-istess nota jinghad li ghar-ragunijiet hemm premessi *"l-Bank qieghed jirriduci t-talba tieghu kif dedotta fic-citazzjoni surreferita ghas-somma komplessiva ta' tlieta u ghoxrin elf u mitt lira maltin u centezmu (Lm23,100.01), in kwantu ghas-somma ta' wiehed u ghoxrin elf erba' mija u tlieta u disghin liri maltin u disgha u hamsin centezmu (LM21,493.59) rapprezentanti kapital, u in kwantu ghas-somma ta' elf sitt mija u sitta liri maltin u tnejn u erbghin centezmi (Lm1,606.42) rapprezentanti imghaxijiet bir-rata*

*ta' 8% fis-sena mit-22 ta' Settembru 1996 sat-28 ta' Frar 1999, oltre imghaxjiet legali ulterjuri mill-1 ta' Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv, u dana kif jirrizulta mill-prospett hawn anness (Dok. "A"), oltre l-ispejjez legali".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali riduzzjoni tal-ammont ta' sorte tirraprezenta rinunzja u cessjoni ta' parti mis-sorte mitlub fic-citazzjoni attrici, liema riduzzjoni ma kienet suggetta ghall-ebda kundizzjoni u ghalhekk bhala tali hija valida w effettiva mill-mument tal-prezentata tal-istess nota u ghalhekk ghandha effett *di fronte* ghall-partijiet interessati u involuti fil-kawza, u dan indipendentement mill-accettazzjoni taghhom, anke jekk f'dan l-kaz jidher li l-konvenuti accettaw l-istess riduzzjoni, tant li qed jinsistu fuq sentenza abbazi tal-ammont kif ridott.

Illi huwa ovvju li min ghandu dritt ta' azzjoni ghandu d-dritt li jirrinuzja ghall-istess tant li gie rirtenut li *"la rinuncia aglie atti del giudizio … … ...e' stata dalla dottrina definita quale dichiarazione della volonta' della parte diporre fine' al rapporto processuale, senza la pronuncia di una sentenza di merito, ovvero quale dichiarazzione di abbandono della posizione processuale posta in essere dalla domanda giudiziale; da l'altri s'e' preferito parlare di revoca della domanda, di revoca cioe' dell'atto introduttivo del gudizio, ovvero di rinuncia agli effetti della domanda stessa. La sintetica denomazione del codice e' sufficientemente caratterizante, purche' per atti s'intenda il complesso degli atti processuali che, nella successione del loro insieme, cistituiscono il processo; quindi se la rinuncia avviene*

*allorche' l'unico atto procesuale posto in essere e la citazione introduttiva, di rinuncia aglie atti si deve parlare con riferimento al rapporto processuale che con lo stesso atto introduittivo si e' instaurato".*

*"Il riferimento al rapporto processuale e' decisivo aglie effetti della nozione della rinuncia agli atti. La rinuncia alla pretesa e' una pura facolta' potestativa della parte, che trova limite soltanto nella disponibilita' del diritto soggettivo, e quindi e' efficace in base alla semplice determinazione della volonta' del soggetto rinunciante, senza bisogno di accettazione dell'altra parte, la quale non puo' mai avere interesse diverso rispetto al rigetto della domanda avversaria nel merito, e con sentenza"* (**"Rinunzia agli atti del Giudizio –** pag.1156).

Illi fil-fatt u kosegwenti ghall-istess dottrina u principji fuq enuncjati fis-sentenza **"Emmanuele Vincenzo Zammit vs Sacerdote Don Francesco Caruana"** (P.A. (I.S) 8 ta' Frar 1867 – IV. pg.32) inghad li:-

*"Che la detta nota di rununzia presentata dall'attore il 30 Gennaio 1867 e' pura, e come tale non puo' essere dal convenuto non accettata, e conseguentemente che non vi e' lugo alla decisione della causa nel merito".*

Illi l-effett ta' tali rinunzja ghall-atti jestingwi l-process li jkun ghaddej, u dan billi jwaqqaf qabel il-waqt l-kawza *in corso* b'att ta' volonta' tal-attur innifsu li jkun beda il-kawza, izda bl-ebda mod ma jintmiss id-dritt sostantiv, u lanqas id-dritt

ta' azzjoni fuq l-istess dritt, b'dan li tali azzjoni tista' terga' tigi riprodotta u dan kif jidher mill-**artikolu 909 tal-Kap 12,** u **artikolu 963 (6) tal-Kap 12.**

Illi ghalkemm il-Kodici ma isemmi xejn dwar nota ta' riduzzjoni, huwa ovvju li dan huwa possibbli, u dan peress li la darba l-attur jista' jirrinunzja ghall-att procceswali shih u intier, isegwi li jista' jirrinunzja ghall-domanda wahda minn diversi domandi, u wkoll ghall-parti mis-sorte anke f'talba unika, b'dan li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tali riduzzjoni jew rinunzja in parte tikkonkludi il-process gudizzjarju limitament ghal dik il-parti rinunzjata, b'dan ghalhekk li l-effett taghha huwa *"di eleminare dal 'thema decidendum' il-punto rinunciato; se si tratta di un autonomo capo della domanda, il giudice ne assolvera' l'altra parte con la sentenza in merito"* (*ibid. pag.1159). "E' concepibile che si rinunci a fare valere una parte dell' unica domanda proprosta, se non avvinta da rapporto di pregudizialita' con la rimante parte su cui si insiste".* (*ibid. 1160).*

Illi dwar l-irrevokabilita' ta' l-att ta' rinunzja inghad li:-

*"L'atto di rinunzia e' normalmente irrevocabile. Ammessa la unilateralita' di detto atto, non sembra possibile vedere in esso una deroga o eccione al principio generale dell'irrevobilita', valido per altro per i negozi giuridici in genere. Ed alla stessa conclusione si perviene, procedendo dalla non ricettizieta' della rinunzia. Trattandosi di atto normalmente unilaterale e non ricettizio, la rinunzia e perfetta solo che sia esteriorizzata,*

*espressament … … … …, la necessaria diretta alla pura e e semplice dismissione del diritto. E una volta che l'atto si perfeziona, si produce l'effetto caratteristico del venir o meno della tutela giuridica in ordine ad un dato interesse, sicche' un eventuale atto di volonta' diretto al conseguimento della tuela giuridica di quell'interesse, gia venuta meno in forza della rinunzia, comportare l'insorgere di una situazione giuridica nuova e comunque ci si viene a trovare fuori del terreno proprio ed esclusico della revocabilita', in senso tecnico, della rinuncia".*

Illi tenut kont tal-premess fis-sentenza **"Il-Kummisarju ta' l-Artijiet vs Paul Apap *nomine*"** (P.A. (A.M.) 23 ta' Jannar 1998) inghad li:-

*"Illi fil-fehma tal-Qorti, l-oggezzjoni tal-konvenut li tigi irtirata n-nota ta' riduzzjoni hija fondata billi riduzzjoni tat-talba tammonta ghal cessjoni in parte, u c-cessjoni mhiex retrattabbli u kwindi, mhix rinunzjabbli. Ic-cessjoni tikkrea kwazi-kuntratt gudizzjarju bejn il-kontendenti, u kwindi, ma tistax tigi irtirata minghajr il-kunsens tal-partijiet kollha involuti. Irrizulta li mhux biss ma hemmx akkwixxenza tacita izda addirittura opposizzjoni, liema opposizzjoni hija, kif intqal, guridikament fondata."*

Illi din il-Qorti taqbel ma l-istess insenjament u ghalhekk huwa ghal-kollox immaterjali ghall-process gudizzjarju r-raguni ghaliex tkun saret ic-cessjoni tal-kawza jew ir-rinunzja ghall-atti jew inkella r-riduzzjoni tas-sorte, stante li dak li huwa decisiv f'termini procedurali huwa biss il-punt li

saret tali nota bil-mod preskritt mill-ligi u li tali att volutattiv tal-attur sar bla ebda kundizzjoni, b'dan li fil-mument li dan isehh u jigi presentat in atti, jkollu l-effett tieghu *di fronte* ghall-parti jew partijiet fil-kawza, jekk ma jkunx mod iehor limitata mill-awtur tieghu; fil-fatt fil-kawza odjerna ma jidhirx li tali nota ta' riduzzjoni kienet b'xi mod soggetta ghal xi kundizzjonijiet jew limitata ghal xi wiehed mill-partijiet, u ghalhekk ghandha jkollha l-effett taghha *vis-à-vis* il-partijiet odjerni, ovvjament fil-limitu tal-pendenza procedurali odjerna fil-konfront tal-konvenuti kollha attwali.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess l-istess nota ta' riduzzjoni ma tistax tigi irtirata u lanqas ghandha tigi sfilzata, izda ghandha jkollha l-effett taghha fit-termini proposti fiha, b'mod li l-ammont tas-sorte f'din il-kawza ghandu jigi kkunsidrat bhala ridott kif hemm indikat fl-istess nota, b'dan li fil-mument tal-presentezzjoni taghha l-ammont imnaqqas mis-sorte jirrizulta li gie cedut u/irtirat mill-attur, b'mod li l-istess ammont tas-sorte hekk rinunzjat ma baqax minn dak il-mument ghall-konsiderazzjoni tal-istess Qorti, peress li t-talba kif proposta giet minn dak il-mument mibdula u mnaqqsa mill-attur jew socjeta' attrici nnifisha, u ma dak l-ammont ridott u irtirat ma baqax iktar fil-kompetenza tal-istess Qorti.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha biss fit-termini tan-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta' attrici tat-23 ta' Marzu 1999 a fol. 43 tal-process.

## VII. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici kif ridotti permezz tan-Nota tas-socjeta' attrici datata 23 ta' Marzu 1999 a fol. 43 tal-process** b'dan illi:-

1) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' tlieta u ghoxrin elf u mitt lira maltin u centezmu (Lm23,100.01), rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuti mill-konvenuti kif premess ghall-*overdraft facility* hekk koncessa mis-socjeta' attrici kif indikat fic-citazzjoni attrici, oltre imghaxjiet legali ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) mill-1 ta' Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-20 ta' Gunju 1996 u tas-6 ta' Mejju 1996 kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Novembru, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Novembru, 2001.**